**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 31 ta` Ottubru 2019**

**Kawza Nru. 3**
**Rik. Gur. Nru. 376/2018 JZM**

**L-Avukat Generali**

***kontra***

**Avukat Dr Tonio Azzopardi bhala mandatarju specjali ta` Etienne Merlevede f`ismu u ghan-nom tat-tfal tewmin minuri Gabriel u Chloe mwielda fis-27 ta` Gunju 2007 awtorizzat b`digriet datat 19 ta` Frar 2013**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-24 ta` April 2018 li jaqra hekk :–

***Dikjarazzjoni ta` l-oggett tal-kawza***

*Illi fis-17 ta` April 2013, l-intimat intavola proceduri kostituzzjonali fl-ismijiet "Etienne Merlevede in his own name and on behalf of his twin minor children Gabriel and Chloe born on 27 June 2007 as authorized by decree dated 19th February, 2013 vs Attorney General and by decree dated 25th July, 2013 authorised the joinder to the case of Lara Merlevede" (rikors kostituzzjonali numru 34/2013) liema proceduri gew decizi finalment mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza taghha tad-19 ta` April 2017.*

*Illi fis-sentenza tad-19 ta` April 2017, fejn l-esponenti kien qieghed jirrapprezenta lill-Gvern in rapprezentanza tal-Istat u dan bhala responsabbli ghall-agir tal-Qrati ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, instabet lezjoni tad-drittijiet fundamentali minhabba d-dewmien fil-procediment gudizzjarji in konnessjoni mar-ritenzjoni illecita tal-minuri gewwa Malta u l-esponenti in rapprezentanza tal-Gvern gie kkundannat ihallas lil Etienne Merlevede s-somma ta` elfejn Ewro (EUR 2,000) relattiva ghall-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u s-somma ta` hmistax-il elf (EUR 15,000) li kellu jinqasam fi kwoti ndaqs bejn ir-rikorrenti f`dik il-kawza relattiva ghall-ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

*Illi fit-3 ta` Mejju 2017 dina l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat il-hrug ta` Mandat ta` Sekwestru numru 114/2017 fl-ismijiet "Lara Merlevede vs Etienne Merlevede"ghas-somma ta` sitta u sittin elf Ewro (EUR 66,000) fejn l-esponenti gie notifikat bhala sekwestretarju fl-4 ta` Mejju 2017.*

*Illi sabiex jottempera ruhhu mal-ordni tal-Qorti mahruga bl-imsemmi mandat ta` sekwestru fit-3 ta` Mejju 2017, l-esponenti ddepozita fil-5 ta` Mejju 2017 permezz tac-Cedola numru 67/2017 fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju numru 114/2017 fl-ismijiet "Lara Merlevede vs Etienne Merlevede" l-ammont ta` sitt elef, tmien mija u sitta u sebghin Ewro u disgha u hamsin centezmu (EUR 6,876.59) li huwa l-ammont li jibqa` mill-ammont dovut lil Etienne Merleverde personalment wara li tnaqqsu l-ispejjez tac-Cedola (Kopja tac-Cedola annessa u mmarkata bhala "Dok. A").*

*Illi fit-3 ta` Novembru 2017 dina l-Onorabbli Qorti ordnat il-hrug ta` Mandat ta` Sekwestru numru 1596/2017 fl-ismijiet "Avukat Dr Tonio Azzopardi noe vs Avukat Generali" ghas-somma ta` sbatax-il elf Ewro (EUR 17, 000) fejn l-esponenti gie notifikat bhala debitur.*

*Illi fl-20 ta` Novembru 2017, l-esponenti intavola rikors fl-atti tal-imsemmi Mandat ta` Sekwestru numru 1596/2017 fejn talab ir-revoka contrario imperio tad-Digriet tat-3 ta` Novembru 2017 li bih inhareg dak il-mandat u li dina l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug tal-kontro-mandat u dan stante li l-ammont li l-esponent kien ghad kellu jaghti ma kienx dovut lil Etienne Merleverde personalment izda kien dovut lil uliedu li ma kinux fil-kura u l-kustodja taghhom.*

*Illi permezz tad-Digriet taghha tal-14 ta` Dicembru 2017, dina l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba tal-esponenti sabiex jigi revokat contrario imperio l-Mandat ta` Sekwestru numru 1569/2017.*

*Illi in ottemperanza mal-istess u biex b`hekk ikun iddepozita l-ammont kollu dovut in forza tas-sentenza, l-esponenti fid-9 ta` Marzu 2018 iddepozita, permezz ta` Cedola numru 35/2018 l-ammont ta` ghaxart elef, mija u tlieta u ghoxrin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (EUR 10,123.41) fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru 114/2017 (Kopja tac-Cedola annessa u mmarkata bhala "Dok. B") liema mandat kien izommu milli jhallas flus direttament lil Etienne Merleverde.*

*Illi fl-20 ta` Marzu 2018, Dr Tonio Azzopardi nomine intavola rikors fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru numru 1596/2017 sabiex din il-Qorti tordna li jittiedhu proceduri ta` disprezz kontra l-esponenti.*

*Illi fid-Digriet tad-9 ta` April 2018 dina l-Onorabbli Qorti ddecidiet billi laqghet it-talba ta` Dr Tonio Azzopardi nomine biex jittiehdu passi ta` disprezz kontra l-Avukat Generali filwaqt li ssospendiet tali ordni billi kkoncediet lill-Avukat Generali terminu sabiex jottempera ruhu mal-Mandat ta` Sekwestru 1569/2017 u li fin-nuqqas jinbdew il-proceduri ta` disprezz kontra l-esponenti.*

*Illi sabiex l-esponenti jottempera ruhhu mal-ordni tad-9 ta` April 2018, l-esponenti qieghed jitpogga f`posizzjoni li bhala debitur*

*jikser ordni tal-istess Qorti li nharget fit-3 ta` Mejju 2017 fejn ordnat lill-esponenti li jiddepozita` l-flejjes li ghandu f`idu u li jappartjenu lil Etienne Merlevede.*

*Illi minkejja li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali nghatat fid-19 ta` April 2017 madankollu l-ezekuzzjoni taghha da parti tal-istess Etienne Merlevede intalbet biss fit-3 ta` Novembru 2017 u cioe` wara li l-esponenti kien ilu xhur notifikat bhala sekwestretarju fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru 114/2017 bil-konsegwenza li l-flejjes li l-esponenti kellu f`idejh kellu bl-ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) mahruga fit-3 ta` Mejju 2017 jiddepozita l-flejjes fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru 114/2017.*

*Illi di piu`, proceduri ta` disprezz huma fin-natura taghhom proceduri li jsiru kontra min jisfida ordni tal-Qorti u mhux kontra min jobdi tali ordni bhal ma ghamel l-esponent filwaqt li l-kwistjoni dwar kif ghandu jsir il-hlas ta` debitu dovut abbazi ta` sentenza da parti ta` debitur (u cioe` bhall-kwistjoni dwar jekk id-debitur ghandux jiddepozita dak l-ammont fil-qorti jew ghandux ihallsu direttament, u jekk ghandu jiddepozitah f`liema atti ghandu jiddepozitah) hija fin-natura taghha ta` indoli legali civili bejn il-partijiet u ma tqanqalx kwistjoni ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti.*

*Illi l-fatt li debitur jottempera ruhhu ma` ordni ta` Qorti u cioe` mad-Digriet tat-3 ta` Mejju 2017 certament li ma ghandhiex tesponih ghall-ebda procedura ta` disprezz.*

*Illi se mai jekk l-intimat f`dawn il-proceduri ried li jithallas qabel il-kreditur fil-Mandat ta` Sekwestru numru 114/2017 huwa kellu jitlob ir-revoka tal-Mandat numru 114/2017 jew l-izbank tal-flus depozitati fl-atti tieghu u mhux li jippretendi li debitur ihallas darbtejn il-kreditu jew li jesponieh ghall-proceduri ta` disprezz.*

*Huwa pacifiku illi debitur rinfaccjat b`mandat ta` sekwestru bhala sekwestratarju huwa obbligat li jobdi l-ordni tal-qorti inkluza f`dak il-mandat cjekament u huwa ghalhekk kontro-sens illi huwa jitqies illi jkun agixxa b`disprezz tal-qorti jekk jaghmel hekk. Jekk tqum kwistjoni dwar liema kreditur ghandu jithallas l-ewwel dik tkun kwistjoni ta` konkors ta` kredituri fuq il-flus depozitati l-qorti izda d-debitur jezimi ruhu billi jiddepozita u qatt ma jista` jigi kostrett ihallas jew jiddepozita darbtejn.*

***Ir-raguni tat-talba***

*Illi fl-umli fehma tal-espoenent il-Prim Awla tal-Qorti Civili ma kellha ebda setgha taghti ordni biex jittiehdu proceduri ta` disprezz kontra tieghu u dan stante li l-esponenti kellu ordni li nharget mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex jiddepozita l-flejjes li kellu f`idejh u li jappartjenu lil Etienne Merlevede fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru 114/2017 u dan stante li dak il-Mandat ta` Sekwestru kien notifikat fuq l-esponenti qabel il-Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv numru 1596/2017 intavolat mill-intimat. Kieku l-esponent hallas direttament lil Etienne Merleverde kien ikun qieghed jikser ordni tal-Qorti mahruga bl-imsemmi mandat ta` sekwestru.*

***It-talbiet***

*Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-qorti prevja id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha xierqa u opportuni ma ghandhiex :-*

*1. Tiddikjara illi d-Digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta` April 2018 fuq riferita huwa llegali u ghalhekk huwa null u bla effett.*

*u*

*2. Tordna t-thassir u r-revoka tal-imsemmi Digriet tad-9 ta` April 2018.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fit-<u>23 ta` Mejju 2018</u> u li taqra hekk :-

*1. Illi permezz ta` dina l-kawza, l-Avukat Generali qieghed jitlob lill-Qorti Civili Prim`Awla (1) tiddikjara illi d-digriet taghha tad-9 ta` April 2018 huwa "illegali" u ghalhekk huwa null u bla effett; u (2) tordna t-thassir u revoka tieghu.*

*2. In linea preliminari, ghandu jissejjah fil-kawza l-Accountant General li, ghalkemm gie notifikat bil-Mandat ta` Sekwestru numru 1596/17, sallum baqa` ma ddepozita l-ebda ammont fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru numru 1596/17.*

*3. Preliminarjament, il-kawza tentata mill-Avukat Generali hija irritwali u improponibbli u l-Avukat Generali ghandu jigi ordnat jindika fuq liema artikolu tal-ligi qed jibbaza t-talbiet tieghu u dan peress illi huwa qed jipprova jwaqqaf l-ordni tal-Qorti gia` moghti sabiex ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali jinizzja proceduri ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti kontra tieghu, li huma pjenament gustifikati, minflok ma jiddefendi l-agir tieghu fil-proceduri ta` disprezz innifishom. Imkien fil-ligi ma jezisti l-jedd li xi hadd iwaqqaf ordni ta` Qorti biex jigu istitwiti proceduri ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti. Dak li hu moghti u rikonoxxut mil-ligi huwa l-jedd li ghandha persuna li kontra taghha jigu istitwiti proceduri ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti illi tiddefendi ruhha fil-proceduri ta` disprezz.*

*4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijet preliminari, it-talbiet tal-Avukat Generali ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu u dan ghar-ragunijiet segwenti :*

*5. Illi b`sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali moghtija fid-19 ta` April 2017 (`il fuq minn sena ilu) l-Avukat Generali in rapprezentanza tal-Istat gie kkundannat ihallas lill-esponent Avukat Dr Tonio Azzopardi nomine s-somma ta` EUR 17,000 flimkien ma` l-imghaxijiet skont il-ligi sad-data tal-pagament u spejjez gudizzjarji in parte. L-intimati fil-proceduri kostituzzjonali kienu l-Avukat Generali u Lara Merlevede Borg St John.*

*6. Illi l-Avukat Generali naqas li jhallas l-ammont kif ordnat mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali.*

*7. Illi fit-3 ta` Novembru 2017, l-esponent nomine talab u ottjena l-hrug ta` Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv numru 1596/2017 fl-ismijiet "Avukat Dr Tonio Azzopardi nomine vs. Avukat Generali" ghas-somma ta` EUR 17,000.*

*8. Illi l-esponent nomine skopra illi l-Avukat Generali, ad insaputa tieghu, kien ipprezenta Cedola ta` Depozitu numru 67/2017 bl-ammont ta` EUR 6,876/59 fl-atti ta` Mandat ta` Sekwestru differenti mahrug mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet "Lara Merlevede vs. Etienne Merlevede" li jgib in-numru 114/2017. Minn ezami tac-Cedola ta` Depozitu numru 67/2017 jirrizulta li l-Avukat Generali hareg notifika lil Lara Merlevede fl-indirizz 283A, Main Street, Balzan.*

*9. Illi jirrizulta li dan l-ammont gie zbankat minn Lara Merlevede fit-2 ta` Marzu 2018.*

*10. Illi fl-20 ta` Novembru 2017, l-Avukat Generali talab ir-revoka `contrario imperio` tad-digriet tat-3 ta` Novembru 2017 li bih il-Qorti ordnat il-hrug ta` Mandat ta` Sekwestru numru 1596/2017 ghas-somma ta` EUR 17,000 kontra tieghu. Ir-raguni moghtija mill-Avukat Generali ghal dina t-talba kienet, inkreddibilment, is-segwenti :*

*"That in view of the above, **the applicant has paid in full the amount ordered by the Court including legal costs** given that the Constitutional Court decided that the `Costs of first and second instance are to be divided as to two-fifths at the charge of the Attorney General and three-fifths at the charge of the applicants. Lara Merlevede is to incur her own costs`. Rather it should be stated that it is Etienne Merlevede that owes the applicant the sum of one thousand four hundred and eighty euro and sixty-four cents (€1480.64) as judicial costs."*[1]

---

[1] Dan bil-firma ta' Dr Mireille Sacco.

*11. Naturalment, dan ma kien veru xejn peress illi l-ammont ta` EUR 17,000 ghadu ma thallasx.*

*12. Illi wara udjenza li fiha l-Qorti semghet lid-difensuri jittrattaw, din l-Onorabbli Qorti fl-14 ta` Dicembru 2017 cahdet it-talba tal-Avukat Generali ghar-revoka tal-Mandat ta` Sekwestru numru 1596/2017.*

*13. Illi fid-9 ta` Marzu 2018, l-Avukat Generali, minflok ma hallas is-somma ta` EUR 17,000 bl-imghaxijiet u l-ispejjez gudizzjarji in parte kif kien gie ordnat jaghmel mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali u bil-ghan li ma jwettaqx dan il-pagament, rega` pprezenta Cedola ta` Depozitu numru 35/2018 bl-ammont ta` EUR 10,123.41 u dan, ghat-tieni darba, fl-atti ta` Mandat ta` Sekwestru differenti mahrug mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet "Lara Merlevede vs. Etienne Merlevede" li jgib in-numru 114/2017.*

*14. Mill-premess jirrizulta b`mod car illi l-Avukat Generali rrifjuta li jhallas u sfida l-awtorita` tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali. Dan jirrizulta wkoll mill-fatt illi, minkejja li l-Avukat Generali kien talab ir-revoka `contrario imperio` tal-Mandat ta` Sekwestru numru 1596/2017, it-talba tieghu giet michuda bid-digriet tal-14 ta` Dicembru 2017 moghti minn din l-Onorabbli Qorti.*

*15. Illi l-fatt li l-Avukat Generali ghazel li jissodisfa l-Mandat ta` Sekwestru numru 114/2017 mahrug fuq talba ta` Lara Merlevede u jinjora palesament il-kundanna ghall-hlas ta` EUR 17,000 b`sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali kif ukoll il-Mandat ta` Sekwestru numru 1596/2017 mahrug fit-3 ta` Novembru 2017 u kif ukoll id-digriet tal-14 ta` Dicembru 2017 juri biss spirtu ta` spavalderija.*

*16. Proprju minhabba f`hekk, din l-Onorabbli Qorti presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Mark Chetcuti b`digriet tad-9 ta` April 2018 (sena wara s-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali) ordnat li jittiehdu proceduri ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti kontra l-Avukat Generali. Minkejja li l-Qorti*

*kienet indulgenti u kkoncediet lill-Avukat Generali sal-25 ta` April 2018 biex jottempera ruhu u b`hekk jevita li jigu inizzjati proceduri ta` disprezz kontrih, l-Avukat Generali kompla fuq l-istess vina u, proprju lejliet, jigifieri fl-24 ta` April 2018, huwa pprezenta "Rikors b`Urgenza" li permezz tieghu talab lill-Qorti "tirrevoka contrario imperio l-ordni taghha moghtija fid-9 ta` April 2018 jew alternattivament tissospendi l-ordni taghha sakemm tigi deciza l-kawza ntavolata kontestwalment ...". Dan kollu ma jhalli l-ebda dubju illi l-Avukat Generali jrid li tghaddi tieghu u ddecieda li jinjora l-kundanna ghall-hlas maghmula fil-konfront tieghu mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta` April 2017.*

*17. Illi l-iskuza migjuba mill-Avukat Generali illi huwa ried jobdi lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hija skuza fjakka u ma twassal ghall-ebda gustifikazzjoni. L-ewwel obbligu prijoritarju tal-Avukat Generali kien, u ghadu, li jobdi minghajr tlaqlieq, il-kundanna mahruga fil-konfront tieghu mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali li jhallas lir-rikorrent nomine is-somma ta` EUR 17,000 flimkien mal-imghaxijiet u l-ispejjez gudizzjarji in parte (u mhux li jiddepozita l-ammont li jidhirlu hu, fejn joghgob lilu). Xi hadd jista` jaqbel mal-Avukat Generali illi hu kien gustifikat jiddizubbidixxi lill-Qorti Kostituzzjonali sabiex jobdi lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)?*

*18. Niehdu issa l-kwistjoni diga` bizzejjed imbarazzanti ghall-Ufficcju tal-Avukat Generali, ghal livell iehor, dak ta` l-obbligi internazzjonali assunti minn Malta. L-Avukat Generali jaf jew messu jaf illi ladarba Malta intrabtet li tosserva l-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 6 jobbliga lil Malta li twettaq u tizgura l-esekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qrati Malti. L-Avukat Generali qed jirrifjuta li jwettaq u jizgura l-esekuzzjoni tas-sentenza finali u inappellabbli tal-Qorti Kostituzzjonali ta` Malta. Ir-rikorrent nomine gia` ghandu ragunijiet bizzejjed biex jipprocedi b`kawza kostituzzjonali gdida ghal vjolazzjoni ta` l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-intimat li gie kkundannat ihallas naqas milli jwettaq u jizgura t-twettiq tas-sentenza finali u inappellabbli tal-Qorti Kostituzzjonali, izda ghalissa qaghad lura milli jaghmel dan billi l-Qrati Maltin mhumiex jappoggjaw it-tezi tal-Avukat Generali. Difatti, zewg gudikanti f`din l-Onorabbli Qorti cahdu kull talba maghmula mill-Avukat Generali. Izda jidher li l-Avukat Generali fi*

*hsiebu jtawwal din il-kwistjoni. Jekk dan hu hekk, ir-rikorrent nomine ser ikollu jipprocedi ulterjorment bi proceduri kostituzzjonali godda. L-Avukat Generali jaghmel ahjar kieku jara kif Lara Merlevede ghal darbtejn konsekuttivi rrifjutat li tibghat it-tfal fi Franza ghall-access minkejja s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, minflok ikompli jappoggjaha kif ghamel s`issa. Dwar dan ukoll qeghdin jithejjew passi gudizzjarji godda.*

*19. Jirrizulta wkoll illi l-Ufficcju tal-Avukat Generali gharraf lil Lara Merlevede permezz ta` notifika lilha b`kopja tac-Cedola ta` Depozitu ta` flejjes li kienu destinati biex jithallsu lil Etienne Merlevede proprio et nomine – stedina u opportunita` intizi biex dawn il-flejjes jispiccaw f`idejn Lara Merlevede, kif fil-fatt gara, filwaqt li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tkun tajba biss biex titqieghed fi gwarnic, minghajr ma tkun esegwita. Naturalment, dan kollu jikkostitwixxi sfida lill-Ordinament Guridiku Malti, u kellu jkun responsabbli ghal din l-isfida proprju l-Avukat Generali.*

*20. Wiehed m`ghandux jinsa illi l-Accountant General responsabbli mit-Tezor gie notifikat bil-Mandat ta` Sekwestru numru 1596/17 u sallum baqa` ma ddepozita l-ebda ammont fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru numru 1596/17, u dan irid jirrispondi wkoll ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti kemm-il darba ma jiddepozitax l-ammont ta` EUR 17,000 minnufih skont l-ordni kontenut fl-imsemmi mandat. L-agir tal-Avukat Generali issa ser jinvolvi lill-Accountant Generali li sa dan il-mument donnu agixxa biss skont l-istruzzjonijiet tal-Avukat Generali minflok skont l-ordnijiet tal-Qorti.*

*21. Ghaldaqstant, prevja l-konferma ta` kull ordni moghtija lill-Avukat Generali biex ihallas skont is-sentenza u filwaqt li jinzamm ferm id-digriet li bih il-Qorti ordnat li jittiehdu proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti kontra l-Avukat Generali, l-esponent nomine jissottometti illi t-talbiet tal-attur huma fiergha u vessatorji u abbuz tal-process gudizzjarju u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, anzi, bi spejjez doppji.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tresswqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

**<u>Il-konvenut</u>** xehed illi bhala konsegwenza ta` sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta` April 2017 fl-ismijiet "<u>Etienne Merleverde</u> <u>pro et noe vs Attorney General et</u>" kien deciz illi l-Avukat Generali kellu jhallas is-somma ta` elfejn euro (€2,000) wara li kienet riskontrata vjolazzjoni tal-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, u s-somma ta` hmistax il-elf euro (€15,000) wara li sabet vjolazzjoni tal-Art 8 tal-istess Konvenzjoni.

Kompla jixhed illi sas-27 ta' Lulju 2017 ma kien sar l-ebda hlas mill-Avukat Generali.

Stqarr illi ntbaghtu tlett emails lill-Avukat Generali fis-27 ta` Lulju 2017, fit-3 ta` Awissu 2017 u fit-8 ta` Awissu 2017.

Kompla jixhed illi fid-9 ta` Awissu 2017, l-Avukat Generali wiegeb fis-sens illi kien sar depozitu taht l-awtorita` tal-qorti.

Qal illi minn ezami tac-cedola ta' depozitu, irrizulta illi l-ammont depozitat kien ta` €6,876.59, mhux ta` l-ammont shih ta' €17,000.

Xehed illi fit-2 ta` Novembru 2017, talab u kiseb il-hrug ta` mandat ta` sekwestru ezekuttiv nru. 1596/2017 kontra l-Avukat Generali.

Kompla jixhed illi fl-20 ta` Marzu 2018, huwa talab il-hrug ta`provvediment ghal disprezz lejn il-Awtorita tal-Qorti kontra l-Avukat Generali. Fil-fatt inghata digriet fid-9 ta` April 2018 fejn l-Avukat Generali kien ordnat sabiex jaghmel depozitu tal-flus reklamati sal-25 ta` April 2018. Fil-kaz li dak ma jsirx, allura kienu sejrin jittiehdu passi ghal disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti.

Kompla jiddeponi li fl-24 ta` April 2018, l-Avukat Generali ipprezenta rikors b`urgenza fejn talab li jitnehha l-mandat ta` sekwestru fuq riferit. Mar-rikors, l-Avukat Generali pprezenta kopja tac-cedola ta` depozitu nru. 1596/2017 u kopja ta` cedola ta` depozitu nru. 35/2018.

Xehed illi kien prezentat rikors ghal izbank minn Lara Merleverde li ma kienx notifikat lil Etienne Merleverde.

Fit-2 ta` Marzu 2018, Lara Merleverde zbankat is-somma ta` €6,876.59.

Kompla jinghad illi fl-14 ta` Dicembru 2017, kienet michuda talba tal-Avukat Generali sabiex jigi revokat il-mandat ta` sekwestru.

Fil-**kontroezami** xehed illi l-mandat ta` sekwestru 114/17 hareg wara talba ta` Lara Merleverde fil-konfront ta` Etienne Merleverde.

Ikkonferma li wara s-sentenza tad-19 ta` April 2017, huwa kien ipprezenta mandat ta` sekwestru ezekuttiv ghal €17,000 f`Novembru 2017.

Mistoqsi jekk qattx ipprezenta rikors ghal zbank fuq l-ammont li kien depozitat bl-ewwel cedola, huwa wiegeb li ma kienx ipprezenta rikors f`dak is-sens.

Lanqas ma pprezenta rikors ghal zbank fir-rigward tat-tieni cedola.

Xehed ukoll illi fil-mori ta` din il-kawza huwa pprezenta wkoll rikors ghal disprezz fil-konfront tal-Accountant General u tal-Gvernatur tal-Bank Centrali ta` Malta. In segwitu l-Bank Centrali ta` Malta ddepozita l-ammont ta` €17,000 b`cedola ta` depozitu nru. 446/2019 fl-4 ta` Marzu 2019. Ma` dan l-att, il-Bank ipprezenta wkoll risposta ghat-talba ghal disprezz. Wara li sar dan id-depozitu, l-Avukat Generali pprezenta rikors b`urgenza fejn talab li jkun hu li jizbanka dan l-ammont. Ighid li wiegeb ghal dan ir-rikors. Digriet finali ghad ma hemmx.

**<u>Marisabelle Azzopardi</u>** mill-Ufficcju tal-Accountant General, meta kienet murija t-transfer schedule datata 5 ta` Mejju 2017 a fol 57 tal-process, kienet domandata ghaliex mandat li kien mahrug f`Novembru 2017 dam sa Mejju 2018 biex sar depozitu. Wiegbet illi mid-dokument kien jidher illi l-mandat ta' sekwestru kien pprezentat fit-3 ta` Mejju 2017. L-ammont li kien depozitat kien ta` €6,876.59. Domandata dwar il-mandat ta` sekwestru ghal €17,000 stqarret illi huma ma kienux gew notifikati b`dak il-mandat ; ghalhekk ma kellhiex informazzjoni x`taghti dwaru.

Ix-xhud kienet mistoqsija mill-qorti dwar jekk l-Accountant Generali ghandux fondi tal-Ufficcju tal-Avukat Generali. Wiegbet li ma kellux fondi. Fissret li meta l-Avukat Generali jkun irid jaghmel pagament lil xi hadd, dik hija responsabilita` tieghu u l-Accountant General ma jidholx fil-kwistjoni. Fil-fatt l-Avukat Generali ghandu flus tieghu li jamministra hu minghajr ma jindahal t-Tezor.

**<u>Paulanne Mamo</u>** - **<u>Accountant General</u>** - xehdet illi wara li l-Parlament japprova l-Estimi Finanzjarji, ikun imiss l-Appropriation Act fejn il-fondi approvati jigu allokati. Il-flus ghalhekk ma jkunux ghand it-Tezor. Ir-responsabilita`tal-flus li jigu allokati tkun tal-accounting officer ta' kull dipartiment jew entita`.

Dwar il-mandat ta` sekwestru mertu ta` din il-kawza, stqarret illi x`gara fl-2017 ma setghetx tghid ghaliex huma ma kienux gew notifikati. L-Accountant General ma ghamel ebda depozitu ghaliex fl-2017 ma kellux flus li kienu allokati lill-Avukat Generali.

**<u>Adrian Tonna</u>** - **<u>Director Corporate Services</u> – <u>Ufficcju tal-Avukat Generali</u>** - xehed illi dwar dan l-kaz kienet kitbitlu Dr. Mireille Sacco sabiex isir depozitu l-qorti. Fuq li kitbet Dr Sacco, huwa ta l-awtorizzazzjoni lid-Dipartiment tal-Accounts. Bhala fatt sar depozitu f`zewg partijiet : tal-ewwel kien depozitu ta` €6,878 fil-5 ta` Mejju 2017 ; u t-tieni kien depozitu kien ta` €10,123) f`Marzu 2018. L-ammont shih ta` €17,000 inqasam f`zewg depoziti fuq direzzjoni tal-avukat. Stqarr illi huwa joqghod fuq il-parir legali li jkollu mhux jara s-sentenza. Id-depoziti saru skont minuta li kellu li kellu fil-file dwar x`kellu jsir min-naha tieghu.

## III. <u>Sottomissjonijiet bil-miktub</u>

**Se ssir referenza <u>fil-qosor</u> ghas-sottomissjonijiet li ghamlu l-partijiet bil-miktub.**

### 1. <u>L-attur</u>

L-attur jaghmel riassunt tal-fatti.

Fis-17 ta' April 2013, Etienne Merlevede pro et noe pprezenta kawza kostituzzjonali kontra l-Avukat Generali u kontra Lara Merlevede li kienet kjamata fil-kawza li kienet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' April 2017.

Skont is-sentenza, l-Avukat Generali kien ordnat :

*… to pay to the applicant Etienne Merlevede the sum of two thousand euro (€2,000) for breach of article 6,*

kif ukoll kien ordnat :

*… to pay the applicants the sum of fifteen thousand euro (€15,000) for breach of article 8 to be divided equally between them.*

Fit-3 ta` Mejju 2017, fuq talba ta` Lara Merlevede, kien ordnat il-hrug ta` mandat ta` sekwestru kawtelatorju nru 114/2017 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghall-ammont ta` €66,000, li bih kien notifikat l-Avukat Generali.

Sabiex joqghod mal-ordni tal-qorti, fil-5 ta` Mejju 2017, l-Avukat Generali ddepozita l-ammont ta` €6,875.59, bhala l-ammont li kien dovut lil Etienne Merlevede de proprio skont is-sentenza fuq citata, wara li tnaqqsu l-ispejjez tac-cedola.

Fit-30 ta` Mejju 2017, Lara Merleverde pprezentat rikors ghal zbank ta` dan l-ammont. Kienet ordnata n-notifika tar-rikors lil Etienne Merlevede li pero` ma rrispondiex.  Ghalhekk it-talba ghall-izbank kienet akkolta u Lara Merleverde zbankat l-ammont ta` €6,875.59.

Fit-3 ta' Novembru 2017, wara talba ta` Etienne Merlevede, kien ordnat il-hrug ta` mandat ta` sekwestru ezekuttiv nru. 1596/2017 ghall-ammont ta` €17,000 kontra l-Avukat Generali bhala debitur.

Fl-20 ta`Novembru 2017, l-Avukat Generali pprezenta rikors fejn talab ir-revoka *contrario imperio* ta` d-digriet tal-hrug tal-mandat, stante li l-flus li kienu ghadhom fil-pussess tieghu kienu ta` ulied l-istess Merlevede.

B`digriet moghti fl-14 ta` Dicembru 2017, it-talba tal-Avukat Generali kienet michuda u ghalhekk sar depozitu ta` €10,123.41.

Fl-20 ta` Marzu 2018,  il-konvenut odjern noe pprezenta rikors fl-atti tal-mandat ta' sekwestru nru 1596/17 fejn talab lill-Qorti sabiex tordna li jigu istitwiti proceduri ta` disprezz kontra l-Avukat Generali.

B`digriet tad-9 ta` April 2018, it-talba kienet akkolta ghalkemm l-Avukat Generali nghata zmien sal-25 ta` April 2018, sabiex jottempera ruhu.

Fil-24 ta` April 2018, l-Avukat Generali intavola dan il-procediment fejn talab it-thassir u r-revoka tad-digriet tad-9 ta` April 2018.

Fil-mori ta' din il-kawza, u cioe`fit-13 ta` Frar 2019, il-konvenut noe pprezenta rikors fl-atti tal-mandat ta` sekwestru nru.1596/2017 fejn talab li jittiehdu proceduri ta` disprezz kontra l-Accountant General u l-Bank Centrali ta` Malta.

Permezz ta` cedola ta` depozitu nru. 446/19, l-Bank Centrali ta` Malta ddepozita l-ammont ta` €17,566.66 minn flus li l-Avukat Generali ghandu mal-Bank Centrali.

Billi l-Avukat Generali jghid illi diga` hallas dak kollu li kien ordnat li jhallas, fis-7 ta` Marzu 2019 ipprezenta rikors ghall-izbank ta` l-flus li ddepozita l-Bank Centrali ta` Malta.

Fl-isfond ta` dawn il-fatti, u b`riferenza ghad-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tad-9 ta` April 2018, l-Avukat Generali jaghmel dawn l-osservazzjonijiet :-

i) Il-Qorti ma ghamlet ebda distinzjoni bejn it-titolu ezekuttiv ut sic u l-ezekuzzjoni ta` dak it-titolu ezekuttiv bit-talba ghall-hrug tal-mandat. Fil-kaz tal-lum irrizulta li ghalkemm it-titolu ezekuttiv inkiseb bis-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali, kien biss f`Novembru 2017 li ntalbet l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv bit-talba ghall-hrug ta` mandate ezekuttiv.

ii) Il-Qorti ma tatx qies bizzejjed ghall-fatt illi 15-il jum wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, l-Avukat Generali kien notifikat b`mandate ta` sekwestru prezentat minn Lara Merlevede fejn kien ordnat jiddepozita l-flus kollha li kellu fil-pussess tieghu appartenenti lil Etienne Merlevede. Kien ghalhekk illi kien effettwat depozitu ta` €7,000.

iii) Fil-mument li sar id-depozitu tas-€7,000, dak kien l-ammont kollu li l-Avukat Generali kellu f`idejh bhala appartenenti lil Etienne Merlevede skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

iv) Ladarba kien hemm ordni mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex isir depozitu skont il-mandat nru. 114/2017, l-Avukat Generali ottempera ruhu ma` dak l-ordni.

v) Kien ghalhekk li saret din il-kawza bit-talbiet kif dedotti.

## 2. <u>Il-konvenut noe</u>

Il-Qorti sejra tissofferma fuq l-osservazzjonijiet tal-konvenut noe dwar il-fatti :

Ftit granet wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, Lara Merleverde tablet u kisbet il-hrug ta` mandat ta' sekwestru nru. 114/2017.

L-Avukat Generali ghamel depozitu fl-atti ta' l-mandat.

Kemm il-mandat ta` sekwestru kif ukoll t-talba ghall-izbank ma gewx notifikati lilu.

Billi ma kienx jaf b`dan kollu, baghat numru ta` emails lill-Avukat Generali biex ifakkru li kien obbligat ihallas sorte ta` €17,000 skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Ghall-bidu l-Avukat Generali ma kienx wiegeb. In segwitu huwa kien infurmat b`li kien gara. Irrizulta li l-Avukat Generali kien indikat bhala sekwestratarju fil-mandat ta` sekwestru ta` Lara Merlevede.

Huwa ma kienx dispost jistenna. Ghalhekk talab u kiseb il-hrug ta` mandat ta` sekwestru kontra l-Avukat Generali ghall-ammont ta` €17,000. Il-mandat hareg fit-3 ta` Novembru 2017.

Skont il-konvenut, il-mandat baqa` mhux ezegwit ghaliex :

i) l-Avukat Generali baqa` ma hallas xejn.

ii) il-Bank Centrali ta' Malta, li kien sekwestratarju, baqa` ma hallas xejn, u sentejn wara l-hrug tal-mandat, ghamel depozitu ta` €17,274.40, permezz ta' cedola nru. 446/2019.

iii) l-Accountant General baqa` lanqas ma hallas xejn.

Wara l-hrug tal-mandat, l-Avukat Generali beda jiehu passi biex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu.

Fl-20 ta` Novembru 2017, ipprezenta rikors fl-atti tal-mandat nru. 1596/2017 fejn talab ir-revoka *contrario imperio* tal-mandat

ta` sekwestru fuq il-pretest li l-ammont ma kienx dovut lil Etienne Merleverde personalment izda lil uliedu. Din t-talba kienet michuda bi provvediment tal-14 ta' Dicembru 2017.

Fid-9 ta` Marzu 2018, l-Avukat Generali ddepozita s-somma ta' €10,123.41.

Billi skont il-konvenut noe dak depozitat ma kienx l-ammont dovut mill-attur, ipprezenta rikors fl-atti tal-mandat ta` sekwestru nru. 1596/2017 fejn talab li jittiehdu proceduri ghal disprezz tal-qorti kontra l-attur.

Fid-9 ta` April 2018, din il-Qorti diversament ppresjeduta ordnat li jittiehdu proceduri ghal disprezz kontra l-Avukat Generali.

Fl-24 ta` April 2018, l-Avukat Generali ta bidu ghall-procediment odjern.

Fit-13 ta' Frar 2019, huwa pprezenta rikors fl-atti tal-mandat nru. 1596/2017 kontra l-Bank Centrali ta` Malta u l-Accountant Generali ghal disprezz tal-qorti. Fl-4 ta` Marzu 2019, il-Bank Centrali ta` Malta ddepozita s-somma ta' €17,274.40.

Skont il-konvenut noe, l-Avukat Generali qed jattakka "l-legalita`" tad-digriet tad-9 ta` April 2018. Pero` bil-komportament tieghu, l-attur qieghed johloq dilemma kostituzzjonali ghaliex l-agir tieghu qed iwassal ghal konflitt gerarkiku bejn il-qrati.

Jibqa` l-fatt illi l-Avukat Generali huwa debitur b'responsabbilita` lejh.

Jissottometti li l-Avukat Generali ma spjegax ghaliex ghazel li jobdi lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u mhux lill-Qorti Kostituzzjonali.

Jishaq li l-Avukat Generali irid igib fis-sehh din il-krizi biex imbaghad ikun jista jghid li ghandu sentenza li hassret d-digriet

tad-9 ta` April 2018. Dan kollu meta huwa jaf li ma jistax jhassar sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

Tenut kont ta` li xehed Adrian Tonna, u cioe` illi huwa agixxa fuq l-istruzzjonijiet ta` Dr Mireille Sacco, dak li ssottometta l-Avukat Generali fin-nota teghu li ma kellux triq ohra x`jaghmel mhijiex sostenibbli ghaliex xejn ma kien izomm lill-Avukat Generali milli jitlob direzzjoni mill-qorti. Kien obbligat li jqis sewwa l-ordni tal-prijoritajiet tieghu u jishaq li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali kienet tigi l-ewwel u kellha tkun osservata qabel kwalsiasi konsiderazzjoni ohra.

## IV. <u>Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti</u>

**Qabel tmur ghall-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-istanza attrici, din il-Qorti sejra tirreferi ghall-kronologija ta`atti gudizzjarji li ghandhom rilevanza ghall-fini tal-accertament tal-fatti.**

### 1. <u>Atti gudizzjarji</u>

### a) <u>Mandat ta` Sekwestru Nru. 114/2017</u>

Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet "Etienne Merlevede pro et noe vs Attorney General et" (Rik. Nru. 34/13) inghatat fid-**<u>19 ta` April 2017</u>**.

Fit-**<u>2 ta` Mejju 2017</u>**, Lara Merleverde ipprezentat rikors ghall-hrug ta` mandat ta` sekwestru nru. 114/2017 kontra Etienne Merlevede ghall-ammont ta` €66,000. L-Avukat Generali kien indikat u notifikat bhala sekwestratarju.

### b) <u>Cedola ta` Depozitu Nru. 67/2017</u>

Din ic-cedola kienet prezentata mill-Avukat Generali fil-**<u>5 ta` ta` Mejju 2017</u>**, u kienet issegwi l-mandat ta` sekwestru nru. 114/2017 fejn l-Avukat Generali kien sekwestratarju. Bic-cedola kien depozitat l-ammont ta` €6,876.59. Ic-cedola kienet notifikata

lil Lara Mervede li zbankat l-ammont depozitat mill-Avukat Generali fit-**2 ta` Marzu 2018**.

**c) Mandat ta' Sekwestru Nru. 1596/2017**

Fit-**2 ta` Novembru 2017**, Etienne Merlevede pprezenta dan il-mandat kontra l-Avukat Generali, b`sorte fl-ammont ta` €17,000 skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Is-sekwestratarji kienu t-Tezor u l-Bank Centrali ta` Malta. Is-sekwestratarji kienu notifikati.

**d) Cedola ta` Depozitu Nru. 35/2018**

Fid-**9 ta` Marzu 2018**, l-Avukat Generali pprezenta din ic-cedola ta` depozitu li tirreferi ghall-mandat ta` sekwestru nru. 114/2017. Kien depozitat l-ammont ta` €10,123.41. Ic-cedola kienet notifikata lil Lara Merlevede u lill-Av. Tonio Azzopardi bhala mandatarju specjali ta` Etienne Merleverde.

**e) Rikors ta` Etienne Merlevede**

Fl-**20 ta` Marzu 2018**, Etienne Merleverde pprezenta rikors fejn talab lill-qorti sabiex tordna t-tehid ta` proceduri ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti kontra l-Avukat Generali. Talab hekk ghaliex skont hu l-Avukat Generali ma kienx qaghad mal-ordni dedotta fil-mandat ta` sekwestru nru. 1596/2017.

Bi provvediment tad-**9 ta` April 2018**, din il-Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba ta` Etienne Merleverde, b`dan illi l-ordni ghat-tehid ta` proceduri ta` disprezz kien sospiz sal-**25 ta` April 2018**, sabiex l-Avukat Generali jottempera ruhu mal-mandat ta` sekwestru nru. 1596/2017.

**f) Il-kawza odjerna**

Il-kawza odjerna, bil-premessi u bit-talbiet kif dedotti, kienet prezentata fl-**24 ta` April 2018**.

**g) Cedola ta' Depozitu Nru. 446/2019**

Fl-**4 ta` Marzu 2019**, il-Bank Centrali ta' Malta pprezenta din ic-cedola, wara l-mandat ta' sekwestru 1596/2017. Kien depozitat l-ammont ta` €17,274.40. Ic-cedola kienet notifikata lill-Av. Tonio Azzopardi u lill-Avukat Generali.

**2. Risultanzi**

Bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-19 ta` April 2017, l-Avukat Generali kien ordnat ihallas kumpens favur Etienne Merlevede u favur uliedu ghall-ammonti u bil-modalita`stabbiliti fid-decide tas-sentenza.

Fit-2 ta` Mejju 2017, wara talba ta` Lara Merlevede, li tigi mart Etienne Merlevede, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat il-hrug ta` mandat ta` sekwestru nru. 114/2017 kontra Etienne Merlevede ghal manteniment dovut. L-uniku sekwestratarju kien l-Avukat Generali.

Billi kien sekwestratarju, u billi kellu ghandu flus li kienu ta` Etienne Merlevede, li kien id-debitur indikat ghall-fini tal-mandat, l-Avukat Generali, kif kien obbligat, ipprezenta cedola ta` depozitu nru. 67/2017 fil-5 ta` Mejju 2017 fejn iddepozita taht l-awtorita` tal-qorti s-somma ta`€6,876.59 (u cioe` €7,000 minus l-ispejjez tac-cedola). Il-flus li kellu l-Avukat Generali ta` Etienne Merlevede kienu dawk likwidati favur tieghu skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

Bhala fatt irrizulta li Lara Merlevede zbankat l-ammont li kien depozitat bic-cedola nru. 67/2017.

Sa dan l-istadju tal-kwistjoni, il-Qorti ma tistax timputa nuqqas lill-Avukat Generali.

Tajjeb li jkompli jinghad li kien fit-2 ta` Novembru 2017 illi Etienne Merlevede talab il-hrug ta` mandat ta` sekwestru nru. 1596/2017 ghall-ammont ta` €17,000 wara s-sentenza tal-Qorti

Kostituzzjonali tad-19 ta` April 2017. Ma jirrizultax li l-Avukat Generali kien notifikat bil-mandat. Is-sekwestratarji kienu l-Bank Centrali ta` Malta u t-Tezor. Ma jirrizultax ippruvat illi l-Avukat Generali b`xi mod fixkel l-ezekuzzjoni tal-mandat ghad-detriment tal-"kreditur".

Ikompli jinghad illi fid-9 ta` Marzu 2018, l-Avukat Generali pprezenta cedola ta` depozitu nru. 35/2018 fejn, b`riferenza ghall-mandat nru. 114/2017 fuq riferit, iddepozita taht l-awtorita` tal-qorti l-ammont ta` €10,123.41, li kien il-bilanc dovut lil ulied Merlevede, skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, wara li tnaqqsu l-ispejjez tad-depozitu. Ic-cedola kienet notifikata kemm lil Lara Merlevede u kif ukoll lill-Av. Tonio Azzopardi noe. Bil-presentata ta` din ic-cedola, l-Avukat Generali ma kienx baqa` flus mill-ammont li kien likwidat bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

Il-Qorti tosserva li ghalkemm fin-nota ta` sottomissjonijiet, l-Avukat Generali jispjega ghaliex iddecieda li jipprezenta c-cedola nru. 35/2018, l-atti li jirreferi ghalihom fin-nota ta` osservazzjonijiet ma gewx prezentati fil-kors tal-kawza. Qeghda ssir referenza partikolari ghar-rikors li kien prezentat mill-Avukat Generali fl-20 ta` Novembru 2017, fejn talab ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tat-3 ta` Novembru 2017, li bih hareg il-mandat nru. 1596/2017. Effettivament it-talba kif dedotta fir-rikors kienet respinta. Kien ghalhekk illi l-Avukat Generali ghamel id-depozitu tal-flus rimanenti fl-atti tal-mandat nru. 114/2017.

**Il-Qorti tkompli tosserva li l-mandat nru. 114/2017 fejn l-Avukat Generali kien "sekwestratarju" hareg u kien ezegwit bil-wisq qabel fiz-zmien mill-mandat nru. 1596/2017 fejn l-Avukat Generali kien "debitur".**

**L-obbligi li kellu l-Avukat Generali bhala "sekwestratarju" huma ben definiti fil-ligi, u n-nuqqas ta` osservanza taghhom hija punita mil-ligi stess, ikun min ikun.**

**L-obbligi li kellu l-Avukat Generali skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali kienu dawk ta` "debitur" tas-sentenza, u allura ghal kollox diversi u distinti.**

**Ghalhekk fin-nofs ma hemm l-ebda kwistjoni ta` gerarkija u/jew prijorita` bejn l-atti ta` qrati diversi, izda li jirrizulta li hemm huwa, minn naha wahda, fattur ta` zmien fil-prezentata ta` atti gudizzjarji, u min-naha l-ohra, ir-responsabilita` tal-Avukat Generali li bhala "sekwestrarju" kienet tqeghdu f`posizzjoni diversa minn dik ta` "debitur".**

**Bid-depozitu li sar permezz tac-cedola nru. 35/2018, l-Avukat Generali gie li "hallas" is-€17,000 kollha li kienu likwidati mill-Qorti Kostituzzjonali, ghalkemm il-flus ma marrux direttament ghand il-konvenut noe.**

B`dan il-kuntest quddiemha, il-Qorti sejra tirreferi ghall-atti li saru bejn l-20 ta` Marzu 2018 u l-24 ta` April 2018.

Fl-20 ta` Marzu 2018, Etienne Merlevede pprezenta rikors fejn talab li jittiehdu proceduri ta` disprezz kontra l-Avukat Generali, ghaliex kien tal-fehma li l-Avukat Generali ma kienx obda l-ordni li harget mill-mandat nru. 1596/2017. It-talba kienet milqugha bi provvediment ta` din il-Qorti diversament presjeduta tad-9 ta' April 2018, b`dan illi l-ordni kellu jibqa` sospiz sal-25 ta` April 2018 sabiex l-Avukat Generali jottempera ruhu mal-mandat nru. 1596/2017. Fl-24 ta` April 2018, l-Avukat Generali pprezenta din il-kawza.

Dan premess, minn fol 22 tal-process, jirrizulta li c-cedola nru. 35/2018 li pprezenta l-Avukat Generali kienet notifikata lill-konvenut noe fit-12 ta` Marzu 2018, u allura **qabel** ipprezenta r-rikors kontra l-Avukat Generali sabiex jittiehdu proceduri ta' disprezz fil-konfront tieghu. Dan ikompli jfisser li meta kienet prezentata l-procedura bit-talba ghal disprezz, il-konvenut noe kien diga` edott bil-kontenut ta` din ic-cedola.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta` Frar 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Lino Micallef pro et noe vs Bank of Valletta plc et** fejn inghad hekk :-

*"Illi fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-Bank konvenut ssolleva li l-prezz tal-bejgh ma kienx kolpit bis-sekwestru stante li dan sar dovut mill-Bank wara li gie notifikat bl- ordni tas-sekwestru. In propositu l-Qorti tosserva li fil- fehma taghha l-interpretazzjoni*

*korretta tal-Artikolu 375 tal-kap.12 li ghalih saret referenza mill-konvenut, hija fis- sens li malli s-sekwestrarju jigi notifikat bl-ordni tas- sekwestru huwa ghandhu izomm jew jiddepozita dawk il- flus jew hwejjeg bizzjjed sabiex tithallas it-talba tas- sekwestrant. Din l-ordni tkopri kemm il-flus li jkollu fil- pussess tieghu dak il-hin, kif ukoll dawn li jigu fil-pussess tieghu anke wara, purche' il-mandat jkun ghadu jsehh. Din l-interpretazzjoni hija konformi mal-ispirtu tal-ligi intiza biex taghti rimedju effettiv lill kreditur biex jigbor minghand id-debitur dak li hu dovut lilu. Aliter u jekk l-obbligu tas-sekwestratarju jkun limitat biss ghall-flus jew hwejjeg li dan ikollu fil-pusses tieghu fil-hin tan-notifika, ikun facli hafna kemm ghas-sekwestratarju kif ukoll ghad-debitur li jeludu d-drittijiet tal-kreditur multo magis fejn is- sekwestrarju ma jkun Bank. Ghaldaqstant anke din is- sottomissjoni qed tigi rigettat minn din il-Qorti."*

Taghmel ukoll referenza ghall-**<u>Art 1171 tal-Kap 16</u>** li jghid :-

*"Bla hsara tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, meta ebda imputazzjoni ma tkun saret fil-waqt tal-hlas, ghandhom jitharsu r-regoli li gejjin:*

*(a) il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn mhux ikkontestat qabel id-dejn ikkontestat;*

*(b) meta hemm izjed minn dejn wiehed mhux ikkontestat, il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn illi fiz-zmien tal-hlas ikun ga maghluq qabel id-djun li jkunu ghad ma ghalqux, hlief jekk fost dawn id-djun imsemmijin l-ahhar ikun hemm dejn illi ghalih id-debitur hu suggett ghall-arrest tal-persuna, f'liema kaz il-hlas ghandu jitqies li sar fuq dak id-dejn, kemm-il darba z-zmien ghall-hlas ma kienx gie miftiehem ukoll favur il-kreditur;*

*(c) fost id-djun maghluqa, il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn li ghalih id-debitur hu suggett ghall-arrest tal-persuna, jew, meta ma jkunx hemm dejn ta' din ix-xorta, ghal dejn li jaghti mghaxijiet, qabel djun ohra;*

*(d) il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn imsahhah b' garanzija qabel dejn iehor mhux hekk imsahhah; u fuq id-dejn bi privilegg jew b'ipoteka qabel dejn li ma jkunx bi privilegg jew b'ipoteka;*

*(e) il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn illi dak illi hallas kellu jaghti bhala debitur principali jew bhala obbligat wahdu qabel dejn li kellu jaghti bhala garanti ta' haddiehor jew bhala debitur in solidum ma' debituri ohra;*

*(f) fil-kazijiet mhux imsemmija espressament fir-regoli ta' qabel din, il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn illi, fiz-zmien tal-hlas, id-debitur kellu l-izjed interess li jhallas;*

*(g) meta d-debitur ma jkollu ebda interess li jhallas dejn qabel iehor, il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn l-izjed qadim: u fost id-djun li jkunu saru f'gurnata wahda, u li ma jaghlqux fi zmien wiehed, jitqies bhala izjed qadim id-dejn li jaghlaq l-ewwel;*

*(h) jekk id-djun ikunu f'kondizzjoni wahda, l-imputazzjoni ssir pro rata."*

Tirreferi wkoll ghad-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fit-13 ta` April 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Lombard Bank Malta plc vs Louis Naudi et,** fejn dwar l-Art 1171 tal-Kap 16 inghad hekk :-

*"Interessanti li l-gurista Ricci ("Corso Teorico – Pratico di Diritto Civile", Vol. VI Titolo IV para. 262) wara li juri li, fil-kodici civili Taljan ta' zmienu, ma kenux gew stabbiliti kriterji ghall-appropriazzjoni ta' hlas, hlief li l-hlas ghandu jmur biex jissodisfa dak id-dejn jew parti minnu li d-debitur l-aktar ghandu interess li jissodisfa, jaghti ezempji ta' kif logikament ghandha ssir din l-appropriazzjoni, u jghid: "che un credito ipotecario si ha interesse ad estinguerlo a preferenza di altro semplicemente chirografario; che un credito, pel quale vi e` fideiussione, si ha interesse ad estinguerlo a preferenza di altro pel quale non c'e` fideiussione, quand'anche questo altro credito sia guarentito da ipoteca, dovendo interessare al debitore di liberarsi dell'azione che il fideiussore puo` contro lui esercitare; che un credito pel quale si ha un titolo esecutivo si ha interesse a soddisfarlo prima d'un altro sfornito di titolo esecutivo; cosi` pure l'obbligazzjone, cui e` annessa una decadenza, si ha interesse a soddisfarla prima di altra per la cui inesecuzione il debitore non decade da alcun diritto."*

**Dan premess, il-Qorti tghid li meta l-Avukat Generali kien notifikat bhala sekwestratarju bil-mandat nru. 114/2017, huwa kien obbligat jottempera ruhu.**

**Huwa bil-wisq evidenti li Lara Merlevede, ghax kienet parti fil-kawza li kienet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta` April 2017, kienet edotta mill-esitu ta` dik il-kawza.**

**Huwa daqstant evidenti illi ghax kienet taf bil-quantum ta` kumpens li kien likwidat bis-sahha ta` dik id-decizjoni, u li l-Avukat Generali kien ordnat jaghmel il-hlas tal-ammont likwidat, Lara Merlevede kienet pronta u pprezentat talba ghall-hrug ta` mandat ta` sekwestru bil-ghan li l-Avukat Generali bhala sekwestrarju ma jaffettwa ebda hlas lil Etienne Merlevede ghalkemm l-Avukat Generali kien debitur skont is-sentenza tad-19 ta` April 2017. It-talba taghha kienet milqugha u l-mandat hareg fil-pront.**

**Kif jirrizulta b`dettall mir-resokont ta` grajjiet u cirkostanzi fuq riferiti, din il-Qorti tghid - <u>minghajr l-icken esitazzjoni</u> - illi fil-mument illi l-konvenut noe mexxa kontra l-Avukat Generali ghal disprezz, l-Avukat Generali kien qaghad ma` dak li kien obbligat jaghmel bhala sekwestratarju.**

**Tenut kont tan-natura guridika ta` procediment ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti, din il-Qorti tghid – anke hawn – minghajr l-icken esitazzjoni – illi l-Avukat Generali qaghad ma` dak kollu li kien mistenni minnu.**

**Propju xejn ma jahti l-Avukat Generali li f`temp qasir spicca f`salt wiehed :**

**"sekwestratarju" f`mandat istitwit mill-kjamata fil-kawza fil-kawza kostituzzjonali, konsegwenza ta` dak li kien deciz f`dik il-kawza ghall-fini ta` pretensjonijiet taghha mhux relatati direttament ma` dik il-kawza ;**

**u**

**"debitur" tar-rikorrent fl-istess kawza minhabba dak li kien deciz f`dik il-kawza.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha.**

**Tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**